TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 471/10

**Shamison Busuttil**

**vs**

**Melita Mobile**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni tal-flus li ħallas u kif ukoll kanċellament tal-kuntratt.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien daħal f'kuntratt fejn kellu ħames numri b'xejn *unlimited calls* u beda jirċievi l-kontijiet ta' dawn il-ħames numri illi skond il-kuntratt kellhom ikunu b'xejn u *unlimited.*

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi għalkemm hemm irreklamat *unlimited calls*, hemm ukoll il-klawsola tal-'*fair usage policy*', li wara l-*fair usage policy* imbagħad jibdew japplikaw ir-rati kummerċjali.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonkludi illi dak li jiġi reklamat u dak li huwa fil-kuntratt huwa kontradittorju, jew għandek *unlimited usage*, jew għandek *fair usage policy*. Huwa fatt illi *unlimited calls* jattira persuna li jipprova jużahom mingħajr limitu u fin-naħa l-oħra ma tistax tillimitah u tgħidlu *fair usage*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti dawk l-ammonti li ġie mitlub iħallas fuq dawk il-ħames numri li kellhom ikunu *unlimited calls*, b'dan illi r-rikorrenti għandu dritt ukoll jittermina l-kuntratt mid-data li ġiet ippreżentata l-kawża, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**